MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 617/2004/1

**Maria Paris**

**vs**

**Scicluna Patrick u Claire**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Frar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Marzu 2004 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal-hsarat ikkagunati fil-madum ta' l-art u fil-hajt divizorju taz-zewg fondi in kwistjoni.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Matul xogholijiet ta’ skavar li kienu qeghdin isiru mill-konvenuti fil-fond adjacenti dak ta’ l-atturi gew ikkagunati hsarat kemm fil-madum ta’ l-art kif ukoll fil-hajt divizorju taz-zewg fondi in kwistjoni. Kif iccertifika l-AIC Claude Mallia (Dok MP1), wara li saru dawn ix-xogholijiet il-madum ta’ l-art fil-propjeta` ta’ l-attrici mbezaq il-fuq, filwaqt illi l-hajt divizorju zviluppa numru ta’ konsenturi. Konsegwentement hemm bzonn li jitbiddel il-madum tal-bicca affetwata, u kif turi l-istima hawn annessa bhala Dok MP2 il-valur tax-xogholijiet rezi necessarji jammonta ghal madwar Lm1500. Billi wara li l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni permezz ta’ ittra ufficjali datata 29 ta’ Lulju 2003 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok MP3) baqghu inadempjenti kellha tinfetah din il-kawza quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. Ghalhekk umilment jintalab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici is-somma ta’ Lm1500 sabiex ikunu jistghu isiru r-riparazzjonijiet mehtiega, u b’dan il-mod tissewwa l-hsara kkagunata mill-istess konvenuti.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, jekk l-attrici qatt kellha xi dritt dan huwa llum preskritt skond l-art 2153 tal-Kodici Civili.

Illi mhux minnu li l-konvenuti qatt ghamlu xi xogholijiet ta’ skavar jew kwalunkwe xoghol iehor li b’xi mod setgha jaghmel xi hsara fil-propjeta ta’ l-attrici.

Kull meta l-konvenuti ghamlu xi xoghol il-konvenuti ghamlu tali xogholijiet taht is-supervizjoni ta’ perit u fl-ebda okkazzjoni m’ghamlu xi xoghol li setgha jaffettwa l-propjeta` ta’ l-attrici. L-uniku xoghol ta’ skavar li sar, dan ghamlu iben l-attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza si tratta dwar allegati danni f'fond residenzjali proprjeta tal-attrici – kagun ta' xoghol pjuttost ta' sahha da parti tal-konvenuti fil-fond taghhom adjacenti ghal dak tal-attrici.

Illi l-attrici tallega li x-xoghol sar f' Settembru 2001. Ir-rapport peritali jgib id-data tat-30 ta' Marzu 2002 – Fol 2. Pero` ex admissis, l-istess perit ma ghamel l-ebda verifiki ghand il-konvenuti. Anki meta r-ragel tal-attrici mar ghand il-konvenuti, dana ma sab xejn.

Da parti taghhom, il-konvenuti stqarru li ghamlu x-xoghol, pero' dan kien fis-sena 1989. L-attrici baqghet tinsisti li sar fis-sena 2001. Ix-xhieda u d-dokumenti prodotti minnhom jirrizulta li x-xoghol effettivament sar kif qalu l-konvenuti.

Rinfacjat b'din is-sitwazzjoni, it-Tribunal irid jirrikorri ghal massima bazilari tad-dritt nostrali. Kif gia ritenut f' H. Lenicher vs J. Camilleri – 31 ta' Marzu 1975, f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratli tort il-konvenut irid jipprovah huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha eziti favorevoli. Anki jekk il-konvenut ma jipprovax; ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova li l-incident ikun gara tort l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu.

Fil-kaz in dezamina, l-attrici naqset li tipprova li l-hsara li grala fid-data minnha ndikata f' Settembru 2001 saret tort xi atti u/jew gie ommissjoni da parti tal-konvenut. Ma giex sodisfacentemet pruvat li kienu huma li wettqu x-xoghol li kkaguna hsara lill-attrici. F'din il-mankanza l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici u jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-attrici."

L-attrici appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha bl-ilment li t-Tribunal xehet l-oneru kollu tal-provi fuqha, anke fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kontroparti. Hi tikkontendi wkoll illi x-xhieda taghha u ta' zewgha kienet moralment konvincenti u dan kellu jsostni t-talba taghha fil-mertu;

Il-materja in kontestazzjoni bejn il-kontendenti hi cirkoskritta ghar-responsabilita` derivata mid-danni denunzjati mill-attrici appellanti. Jezisti certament kuntrast qawwi fuq il-kawza prossima u immedjata tad-danni lamentati li l-appellanti taskrivi ghal xoghlijiet li hi tallega li saru mill-konvenuti fil-fond taghhom u li gabu b' konsegwenza hsarat fil-hajt divizorju bejn iz-zewg fondi u fil-madum ta' l-art tal-fond ta' residenza taghha. Bil-maqlub, il-konvenuti jsostnu li huma ma ghamlu ebda xoghlijiet – ghallanqas dawk li l-attrici tghid li saru minnhom f' Settembru 2001 – u ma wettqu ebda dannu. Mhux hekk biss. L-istess konvenuti jattribwixxu kull hsara li setghet saret eskluzivament lill-fatt ta' xoghlijiet ezegwiti f' dak l-istess zmien minn iben l-istess attrici;

Huwa ferm logiku illi f' kazijiet ta' din ix-xorta, fejn il-versjonijiet huma dijametrikalment opposti, huwa mill-fatti accertati li kellha tigi ricerkata u rikavata l-kawzali li pprovokat d-danni. Naturalment, hu mistenni li fl-indagni u l-verifika tas-sussistenza ta' din il-kawzali, il-gudikant ikun iggwidat mill-kriterji soliti tad-dritt probatorju. Fundamentalment, ir-regola tradizzjonali "*onus probandi incumbit ei qui dicit*". Logikament, jispetta lill-attrici li tipprova l-fatt kostitutiv tad-dritt minnha migjub ghab-bazi ta' l-azzjoni taghha. Proprju ghaliex il-piz hu mixhut fuqha in kwantu hi qed tallega u mhux il-konvenuti li jikkontrastaw il-pretensjoni. In kwantu "oneru" l-inadempiment ta' l-iskarikar tieghu jissarraf fi zvantagg ghall-attrici billi l-qaghda tithalla fi stat ta' incertezza;

Premess dan, hu ritenut mill-gurisprudenza in materja ta' danni akwiljani, bhal ma hu proprju l-kaz in disamina, illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile dei danni, fa mestiere che chi reclami l' indennizzo riesca a provare non solo l' atto o l' ommissione colposa del denunciato, ma altresi che l' atto o l' ommissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall' instante*" – "**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar 1928. Jigifieri, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm in-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli ul-konsegwenza dannuza" (**Kollez. Vol. XLIV P I p 343**);

Jitnissel minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi l-ewwel oneru nkombenti fuq l-appellanti kien dak li tipprova li d-dannu subit kien imputabbli lill-konvenuti ghal xi att kolpuz taghhom. Prova din, li ghal fini ta' l-istess konvinciment morali li ssemmi l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, kellha b' esigenza, tkun shiha u mhux ekwivoka. Din, mill-accertamenti processwali ma tirrizultax f' dan il-kaz;

L-appellanti tissottometti illi hi u zewgha kellhom jitwemmnu fejn jghidu illi l-konvenuti esegwew xoghlijiet ta' skavar f' Settembru 2001. Hi ma tispecifikax ir-raguni jew ragunijiet ghaliex dan kellu jkun hekk imma tillimita ruhha ghas-sottomissjoni generika illi x-xhieda taghhom kienet "konvincenti bizzejjed sabiex wiehed jinduna b' liema animu xehdu l-konvenut u missieru". L-istess ragonament jista' pero` jigi applikat bl-invers. Effettivament din il-Qorti ma ssibx gusitifikazzjoni l-ghala ghandha tiskarta x-xhieda ta' l-appellat u ta' missieru fejn dawn stqarrew illi l-uniku xoghol li kien sar twettaq fl-1989, meta nbniet rampa ghal *basement* u nfethu xi arkati. Anzi din il-versjoni taghhom hi msahha mid-dokumenti esebiti mill-appellat (fol. 38 sa fol. 41) in kwantu dawn jikkonfermaw li tabilhaqq ix-xoghlijiet saru fiz-zmien minnhom indikat. Jekk kien hemm bzonn aktar korroborazzjoni, imbaghad, hemm id-deposizzjoni tal-Perit AIC Joseph Cassar (fol. 58) li kategorikament jafferma illi

wara li gie msejjah mill-attrici huwa acceda fiz-zewg fondi u, oltre li ma rrizultalux li kien hemm xoghol qed isir fil-fond ta' l-appellat, lanqas ma rrizultalu r-raguni il-ghala kienu qed jinqalghu bicciet tal-madum tac-ceramika fil-fond ta' l-appellanti. Minn dak li rrizultalha fil-fattispeci huwa difficli ghal din il-Qorti, bhal ma hekk kien ghat-Tribunal, illi taccetta bhala pruvata l-allegazzjoni ta' l-appellanti u tghaddi biex tippenalizza lill-appellat bhala r-responsabbli li ta lok jew ikkontribwixxa ghad-danni;

Jinsab stabbilit illi l-azzjoni ezercitata mill-attrici hi wahda ghad-danni akwiljana li hija preskrivibbli bid-dekors ta' sentejn (Artikolu 2153, Kodici Civili). Ara **Kollez Vol. XLIII P I p 283**. Kif saput, il-preskrizzjoni moghtija tista' tigi mwaqqa' billi jintwera, s' intendi mill-appellanti, illi l-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 626**). Minn dak li nghad aktar 'il fuq l-incertezza tal-provi anke f' dan ir-rigward kellu jimmilita favur l-appellati ghaliex dik l-istess incertezza kienet tannebula dik l-univocita` u kjarezza mehtiega biex tigi assigurata l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mit-Tribunal is-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell rigettat bl-ispejjez kontra l-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------